**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 8 TA' OTTUBRU 2015**

Il-Pulizija

(Spett Silvio Magro)

vs

Anthony Migneco

Mark (Mark Henry) Migneco

Raymond Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' rispettiva numru 430847(m), 46571(m) u 705656(m) akkuzati:

1. lil Anthony Migneco u lil Mark (Mark Henry) Migneco fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Medairco Electrical and Mechanical Services Limited u lil Raymond Galea fil-kapacita' tieghu ta' foreman fl-istess kumpanija talli fit-23 ta' April, 2009 ghal habta tas-2.00p.m. gewwa Malta International Airport limiti Gudja b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil- professjoni taghhom jew b 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga gravi Emanuel Sinagra u dan ai termini tal-Art. 225, 226 (1)(a) u 216 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqsu milli jharsu is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' 1- artikoli 6 (1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok. hin u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli zzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (2) ta' A.L. 36/03.

5. Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok. hin u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-misuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw in-natura u d-daqs tal-impriza u jiehdu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan jipprevenu riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdu informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' l-artikoli 4 (1) (2) (3) ta' l-AL. 36/03 .

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta korriment fuq ix-xoghol li sofra impiegat tas-societa', maghrufa dak iz-zmien bhala Medairco Limited, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, limiti tal-Gudja. L-impiegat li jismu Emle Sinagra kien qieghed jesegwixxi xoghol konness mas-sisterna tal-arja kondizzjonata li tipprodi lill-ajruport. Il-gurnata kienet it-23 ta' April 2009 u l-hin kien ghal habta tas-2.00 ta' wara nofs in nhar. L-impiegat, l-imsernmi Sinagra, kien dak il-hin fuq wiehed mill-bjut tal-bini jadem fuq 'valve ta' chiller' . Spjega li, jinghaqdu mac-chiller hemm pajpijiet li jmorru ghall-ambjenti interni biex ikesshuhom u l-valve in kwistjoni jirregola appuntu l-ftuh u l-gheluq tal-ilma kiesah li ikun ghaddej minn go dawn il-pajpijiet. Dwar id-dinamika tal-incident Sinagra jghid li l-pipe li kellu support ghal xi raguni ccaqlaq bil-konsegwenza li ceda u waqa' fuq saqajh. Minhabba f'dan ittiehed l-isptar u saritlu operazzjoni fuq siequ li fuqha kien waqa' l-pipe, Spiega li l-isptar dam erba t'ijiem izda kien mizmum li jmur ghax-xoghol ghal madwar tlett xhur.

Xhud important kien is-Sur Charles Micallef, principal tal-OHSA, l-persuna addetta li tinvestiga incidenti li jsehhu fuq postijiet tax-xoghol. Dwar l-incident in meritu jghid li fil-gurnata tal-incident kien qed isir xoghol ta' 'welding' fuq pipes ta' erba pulzieri li kienu qed iserhu fuq xi njam li indikati fir-ritratti 14,15 u 16 (fol 106/107) minn fost sett ritratti minnu esebiti. Dan il-fatt tal-pipes iserhu fuq injam, jghid ix-xhud, ma' kienx joffri 'a safe system of work' minhabba li lis-shanat generati mill-welding' jigbed ix-xoghol u jtaffi s-support tali li l-pajp idur u jaqa' kif gara fdan il-kaz. Xehed ukoll dwar ir-'risk assessment' li fil-kaz in disamina kien obligatorju li jsir li stqarr ix-xhud ma kienx kompilat fil-mument

meta kien qieghed isir x-xoghol. Ir-risk assessment' li sar wara li beda x-xoghol jinsab esebit fol.116 et seq u jikkorrobora t-tesi tax-xhud dwar l-uzu tas-supports li kien hemm fil-hin tal-incident. Dwar l-imputat Raymond Galea jghid li ghalkemm ma kellux formalment l-status ta' 'foreman' kien il-persuna li kienet qed tissorvelja ix-xoghol- ix-xhud jghid li kellu d-'day to day running' tax-xoghol. Mil-bqija jirrisulta li l-impjegati kienu muniti bl-attrezzatura kollha li l-ligi tirrikjedi ghas-sigurta' taghhom.

Ikkunsidrat:

Ai termini tal-akkuzi riportati, l-imputati huma akkuzati ta' griehi involontarji u ohrajn relatati mal-legislazzjoni sussidjara taht il-Kap 424. Fir-rigward il-griehi involontarji huwa pacifiku mill-provi li l-korrut sofra griehi klassifikabbli taht l-Artikolu 216 tal-Kap 9. Igifieri sofra griehi kwaIifikati bhala serji stante li kien mizmum li jidhol ghax-xoghol ghal zmien tlett xhur, liema griehi izda ma kellhom l-ebda effett permanenti fuq il-midrub.

Illi mill-atti jirrisulta li l-akkuzi in kwantu diretti kontra Mark (Mark Henry) Migneco gew irtirati stante li l-imsemmi ma jinkwarda imkien fis-socjeta' Medairco. Lanqas tintravedi l-Qorti xi rwol li minhabba fih tista' tinstab xi htija kontra l-imputat Raymond Galea.

Trattata il-piena:

Rat l-Artikolu 17, 226(1)(b) tal-Kap 9, l-Artikolu 6(1)(2) tal-Kap 424, r-regolament 4(1)(2)(3),10(1)(2) tal-Avviz Legali 36/2003.

Issib l-imputat Anthony Migneco hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkonsidrat ic-cirkostanti u l-irkupru shih kemm fisiku u kemm morali tal-midrub Sinagra li jikkonferma hu stess ma sofra ebda danni finanzjarji.

Tikkundannah multa ta’ €466 zmien xahar ghall-hlas.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond il-ligi.

A.M. Trigona

Magistrat